
Via Sagra
mal-Madonna
Moviment Missjunarju 'Ġesu' fil-Proxxmu'
103, Triq il-Karita', Rabat, Għawdex.
Tel: 556453



## Ġesù kkundannat għall-mewt

Kien il-ġimgħa fil-għodu kmieni meta rajt lil Ibni. Din kienet l-ewwel darba li rajtu minn mindu kienu qabduh. Ġismu mbenġel u mimli dmija nifed lil qalbi b'sejf ta' dulur u d-dmugħ ġelben ma' wiċċi. Imbagħad Pilatu, minn fuq it-tron tal-ħaqq tiegħu, staqsa lill-folla għaliex iridu lil Ibni msallab. Kollha madwari bdew jgħajtu, "Sallbu". Jiena xtaqt nitlobhom biex jieqfu imma kont naf li dil-ħaġa kellha sseħħ. Għalhekk, bqajt hemm u bkejt fis-skiet.

**Talba**

Mulej Ġesù, insibha diffiċli ħafna biex nimmaġina d-dulur li ħasset ommok meta int ġejt ikkundannat. Imma x'ngħidu għal-llum, meta jien inżomm il-mibegħda? "Sallbu"
Meta niġġudika lill-oħrajn? "Sallbu"
Forsi dan ma jġibx dmugħ ta' dulur sew lilek u kemm lil ommok? Aħfirli, Ġesù.

L-Ewwel Stazzjon



*Ġesù jirċievi s-salib*

Bil-ftit saħħa li kelli, jiena mxejt mal-folla saddaħla tal-palazz. Infetaħ bieb bis-sabta u tfaċċa Ibni miexi se jaqa' u ma jaqax bl-għases jiddieħku bih warajh. Żewġt irġiel ikaxkru salib tqil ta' l-injam u għabbewhulu fuq spallejh. Imbagħad, imbottawh mat-triq. Id-dulur li ħassejt għalih kien insapportabbli. Xtaqt li neħodlu s-salib u nġorru jiena minn floku. Imma kont naf li dan kollu kellu jseħħ u għalhekk, imxejt warajh fis-skiet.

**Talba**

Mulej Ġesù, nitolbok taħfirli l-ħafna drabi li jien żidt iżjed toqol mas-salib tiegħek billi ma tajtx kas ta' l-uġigħ u s-solitudni ta' dawk ta' madwari. Aħfirli t-tqasqis fuq l-oħrajn u kemm drabi nfittex xi skuża biex niskarta n-nies li jixtiequ jitkellmu miegħi. Għinni biex, bħal Marija, infittex dejjem li nħaffef is-slaleb ta' l-oħrajn. Aħfirli, Ġesù!

It-Tieni Stazzjon



## Ġesù jaqa' l-ewwel darba

Jiena mxejt wara Ibni fit-telgħa tal-Kalvarju. Ħassejt dulur kbir meta rajtu f'dik it-tbatija. Rajt is-salib jgħaffiġlu spallejh. Ħassejt qalbi tieqaf meta rajtu jaqa' wiċċu fl-art, taħt it-toqol tas-salib. Għal mument, ħsibt li Ibni kien mejjet u ġismi kollu beda jirtogħod. Imbagħad, l-għases bdew jagħtuh bis-sieq u Huwa qam bil-mod u reġa' beda miexi taħt is-swat tagħhom. Xtaqt nipproteġih b'ġismi stess, imma kont naf li dan kollu kellu jseħħ u għalhekk, imxejt warajh u bkejt fis-skiet.

**Talba**

Mulej, kemm drabi rajtek taqa', u ħallejtek hemm bla ma tajt ebda kas, mhux bħal Marija! Kemm drabi rajt nies jiżbaljaw u jien għaddejt iż-żmien bihom! Kemm drabi, inħossni nimtela bir-rabja, għax xi ħadd ma jaqbilx miegħi fuq xi ħaġa! Marija offrietlek is-sapport tagħha tul il-passjoni kollha tiegħek. Għinni biex jien nagħmel l-istess bħalha, għalik, bis-sapport li nagħti lill-oħrajn. Mulej, ikollok ħniena minni.



# Ġesù jiltaqa' ma' Ommu Marija

Kien irnexxieli naqsam minn ġol-folla u nimxi qrib ta' Ibni. Sejjaħtlu u Hu semagħni minkejja l-istorbju. Hu waqaf u għajnejna ltaqgħu; tiegħi mimlija dmugħ ta' dulur, tiegħu mimlija wġigħ u konfużjoni. Ħassejt li ma nista' nagħmel xejn. Imbagħad, għajnejh qaluli: "Kuraġġ! Hemm skop għal dan li qed isir". Kif reġa' beda miexi, jiena għaraft li kellu raġun. Għalhekk imxejt warajh u tlabt fis-skiet.

**Talba**

Mulej Ġesù, aħfirli l-ħafna drabi meta għajnejna ltaqgħu u jien dawwart tiegħi band'oħra. Aħfirli n-nuqqas ta' fiduċja li għandi kif, għax, iblah illi jien, ma nafx noqgħod għal dak li trid Int. Aħfirli meta nkwetajt fuq nuqqasijiet żgħar jew qtajt qalbi u ma smajtx is-sejħa tiegħek biex nagħmel kuraġġ. Iva, Mulej, għajnejna ltaqgħu ħafna drabi, imma bla effett.

Ir-Raba' Stazzjon



## *Xmun Ċirinew jgħin lil Ġesù jġorr is-salib*

Jiena issa stajt nara lil Ibni kważi sfinit u bla forza waqt li kien qed iġorr dik it-tagħbija tqila. Kull pass li jagħmel kien qisu ta' l-aħħar. Kont inħoss l-uġiegħ tiegħu f'qalbi u xtaqt li kollox ifittex jintemm. Imbagħad rajt lill-għases jiġbdu raġel minn ġol-folla, u għalkemm beda jipprotesta, ġagħluh jerfa' s-salib minn wara biex hekk iħaffef it-toqol minn fuq Ibni. Hu staqsa għaliex kellu jagħmel dan. Jiena kont naf u għalhekk imxejt warajh fis-skiet.

**Talba**

Mulej Ġesù, ħafna drabi jien ċħadt li nkun bħalek. Jien kont naħseb biss fija nnifsi u sikwit niddubita mill-kelma tiegħek. Tħallinix nibqa' bħal Xmun, imma għinni biex inkun bħal ommok, Marija, li dejjem imxiet warajk u obdiet fis-skiet.



## *Il-Veronika tixxotta l-Wiċċ ta' Ġesù*

Waqt li bqajt miexja qrib ta' Ġesù, rajt mara li qasmet il-folla, neżgħet il-velu tagħha u bih bdiet tixxotta l-wiċċ kollu dmija u għaraq ta' Ibni. L-għases malajr ġibduha lura. Wiċċha donnu ried jgħid, "Għaliex qed tagħmlulu hekk lil dan?" Jiena kont naf, u mimlija bil-fidi, bqajt miexja warajh fis-skiet.

**Talba**

Mulej, din il-mara tatek l-aħjar li setgħet. Min-naħa l-oħra, jien dejjem ridt nieħu iżjed milli nagħti. Kuljum ikolli l-opportunità li nagħti lilek billi nagħti lill-oħrajn, imma jien ma nagħtix kas. O Salvatur tiegħi, tħallini qatt nerġa' nistaqsi għaliex, imma għinni biex nagħti kulma għandi lilek.

Is-Sitt Stazzjon



## *Ġesù jaqa' t-tieni darba*

Ibni reġa' waqa' u d-dulur tiegħi reġa' kien immens meta ħsibt li jista' jmut hemmhekk. Ipprovajt nersaq lejh imma s-suldati ma ħallewnix. Huwa qam u mexa bi tbatija kbira 'l quddiem. Meta rajt lil Ibni jaqa', jerġa' jqum u jkompli t-triq, ħassejt qalbi se tinqasam bid-dulur. Imma billi kont naf li dan kellu jseħħ, imxejt warajh fis-skiet.

**Talba**

Mulej, minn dawk in-nies kollha, Marija kienet l-iktar waħda fidila lejk li mxiet warajk u qatt ma waqfet minkejja l-pwieni li sofriet għalik. Ħafna drabi jien warrabtek u tbigħidt minnek minħabba dnubieti u kont il-kawża li oħrajn għamlu bħali u warrbuk. Nitolbok li jkollok ħniena minni.



## *Ġesù jkellem lin-nisa twajba*

Kont miexja ftit passi bogħod wara Ġesù. Rajtu jieqaf. Xi nisa twajba kienu qed jibkuh u jitħassruh. Hu qalilhom biex ma jibkux lilu. Ma' ħafna oħrajn, huma kellhom l-opportunità li jaċċettawh bħala l-Messija, imma huma kienu ċaħduh. Qalilhom jibku lilhom infushom u dan id-dmugħ ikun juri l-konverżjoni tagħhom. Huma iżda dan il-kliem ma fehmuhx. Jiena fhimtu u bqajt miexja warajh fis-skiet.

**Talba**

Salvatur tiegħi, ħafna drabi jien għamilt bħal dawn in-nisa, dejjem nara n-nuqqasijiet ta' l-oħrajn u nitħassarhom. Imma, rari ħafna li jien rajt id-dnubiet tiegħi u tlabtek maħfra. Mulej, int tgħallimni permezz ta' dawn in-nisa. Aħfirli, Mulej, dan l-għamad tiegħi.

It-Tmien Stazzjon



## *Ġesù jaqa' it-tielet darba*

Din il-waqgħa ta' Ibni Ġesù kienet agunija għalija. Mhux biss għax waqa' fuq blat u ġebel, imma għax kien kważi wasal fil-quċċata ta' l-għolja tal-Kruċifissjoni. Is-suldati komplew jaħqruh u jgħajruh u kważi kaxkruh l-aħħar ftit passi li kien fadal. Qalbi bdiet tħabbat bil-qawwi, x'ħin ġibt quddiem għajnejja dak kollu li kienu se jagħmlulu. Imma, kont naf li dan kellu jseħħ u bqajt tielgħa l-għolja warajh, fis-skiet.

**Talba**

Maħbub Ġesù tiegħi, jien naf li bosta drabi offrejt l-għajnuna tiegħi biex ngħin lill-proxxmu, imma meta ma baqax jaqbilli jew kont se nidħol f'xi tbatija, jien ġibt ħafna skużi għalija nnifsi u tlaqthom. Għinni, Mulej, biex inkun bħal Ommok Marija, u lil min hu fil-bżonn qatt ma nċaħħdu mill-għajnuna tiegħi.

Id-Disa' Stazzjon



## *Ġesù mneżża' minn ħwejġu*

Meta lil ibni fl-aħħar neħħewlu t-toqol tas-salib minn fuqu, jiena ħsibt li se jkollu ċans jistrieħ ftit. Imma l-għases dritt bdew iċarrtulu minn fuqu ħwejġu li kienu mwaħħlin ma' ġismu. Ma flaħtx nissaporti d-dehra ta' ibni f'dik it-tbatija. Imma, billi kont naf li dan kellu jseħħ, jiena bqajt hemm wieqfa u bkejt fis-skiet.

**Talba**

Mulej, jien ukoll neżżajtek bl-għemil tiegħi. Jien ħassart l-isem tajjeb ta' ħaddieħor bid-diskors tiegħi bla bżonn, u neżżajt in-nies mid-dinjità umana tagħhom bil-preġudizzji tiegħi. Ġesù, jien offendejtek b'diversi modi meta ġibt it-tbatija lill-oħrajn. Għinni biex narak fin-nies kollha tad-dinja.



## *Ġesù msammar mas-salib*

Meta poġġew lil Ġesù fuq is-salib, huwa ħallihom isammruh. Waqt li taqqbulu idejh u riġlejh bl-imsiemer, jiena ħassejt dak l-uġiegħ ġo qalbi. Imbagħad refgħu u waqqfu s-salib. Hemm kien, dak ibni li jiena tant inħobb, qed jiddieħku bih waqt li Hu qed isofri f'dawn l-aħħar mumenti ta' ħajtu fuq din l-art. U jiena bqajt wieqfa hemm ħdejh u tlabt fis-skiet.

**Talba**

Mulej, xi tbatija sofrejt għalija, u xi tbatija sofriet l-Omm tiegħek waqt li rat l-Iben waħdieni tagħha jmut għall-imħabba tiegħi! Madanakollu, sew int u kemm Ommok, it-tnejn lesti li taħfruli malli nindem minn dnubieti. Għinni Mulej biex inwarrab minni l-ħajja tad-dnub.



## *Ġesù jmut fuq is-salib*

M'hemmx piena ikbar għal omm minn dik li tara lil binha jmut quddiem għajnejha. Jiena, li ġibt lil dan is-Salvatur fid-dinja u rajtu jikber, issa ma stajt nagħmel xejn għalih ħdejn is-salib, waqt li hu mejjel rasu u miet. It-tbatijiet tiegħu ta' din id-dinja kienu ntemmu waqt illi tiegħi kienu ikbar minn qatt qabel. Iva, dan kellu jseħħ u jiena aċċettajtu. Għalhekk bqajt hemm ħdejh u sofrejt fis-skiet.

**Talba**

Ġesù tiegħi, ikollok ħniena minni għad-dnubiet li bihom weġġajt lilek u lill-oħrajn. Nirringrazzjak għal dan l-aħħar att kbir tiegħek ta' mħabba. Inti għidt li m'hemmx imħabba ikbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Ħallini dejjem inkun il-ħabib tiegħek. Għallimni kif ngħix ħajti għall-oħrajn u kif qatt ma nerġa' nonqsok.



## *Ġesù mniżżel minn fuq is-salib*

Il-folla kienet xterdet, l-istorbju kien sieket. Jiena bqajt hemm wieqfa ma' wieħed mill-ħbieb ta' Ġesù. U ħarist lejn il-ġisem mejjet tas-salvatur tagħna, l-Iben tiegħi. Imbagħad, żewġt irġiel niżżlu l-ġisem tiegħu minn fuq is-salib u poġġewh fi ħdani. Dulur l-iktar qawwi mlieli qalbi. Madanakollu, ħassejt ferħ ġo fija. Veru li ħajjet Ibni ntemmet b'mod l-iżjed krudil, imma fl-istess ħin, ġiebet il-ħajja lill-umanità kollha. Jiena kont naf li dan kellu jseħħ u tlabt fis-skiet.

**Talba**

Mulej, il-passjoni tiegħek spiċċat, imma għadha sejra kull meta naqa' fid-dnub. Jien kelli sehem fit-tislib tiegħek u issa, Salvatur tiegħi, nitolbok maħfra b'qalbi kollha. Għinni biex ngħix ħajja tajba kif tixtiequni ngħix Int u Ommok.



## *Ġesù midfun fil-qabar*

Aħna ħadna l-ġisem ta' Ġesù fil-qabar fejn jiena stess poġġejtu waqt li bkejt fis-skiet, imma fraħt fis-skiet ukoll. Tajt l-aħħar ħarsa fuq il-maħbub Ibni u ħriġt 'il barra. Huma għalqu l-qabar u qabel ma tlaqt, erġajt ħsibt li dan kellu jseħħ - kellu jseħħ minħabba fikom. Jiena mort nistenna fis-skiet b'fidi qawwija.

**Talba**
Iva, Mulej tiegħi, dan kellu jseħħ għaliex Inti tħobbni u għall-ebda raġuni oħra. Kull ma titlob minn għandi hu li ngħix ħajja tajba. Int qatt ma għidt li ħajja bħal din se tkun ħafifa. Jien lest li nħalli d-dnub warajja u li ngħix għalik biss.



## *Ġesù mqajjem mill-mewt*

Is-sagrifiċċju li Ibni għamel għalina ma jistax ma jnissilx fija gratitudni mill-ikbar. Madanakollu, jiena li kont inħobbu b'imħabba tal-ġenn, tgħidx x'vojt ħassejt meta ġejt biex ngħix mingħajru. Imma mbagħad, jumejn biss wara, huwa rxoxta, u ħaġa tal-għaġeb, dak il-vojt ħassejtu jerġa' jimtela mill-ġdid.
Is-Salvatur tagħna fetħilna l-bieb għall-ħajja ġdida. Hekk kellu jkun - l-imħabba infinita li kellu għalina l-bnedmin ma kenitx se tħallih jagħmel inqas minn dak li għamel. Ruħi ma tistax tibqa' siekta, imma trid tibqa' tifraħ u tithenna bih għal dejjem.

**Talba**

Irroddlok ħajr, O Feddej tiegħi. Grazzi ta' din l-imħabba dejjiema li tgħinni nqum u noħroġ mill-ħajja tiegħi tad-dnub. Bi ħsiebni nipprova mill-ġdid ngħix ħajja aħjar. Għinni nibqa' għomri kollu niftakar kemm ħabbejtni. Marija, omm il-Feddej tagħna li qam mill-imwiet, għallimni nimxi fuq il-passi tiegħek, u għall-imħabba li għandi lejh, nasal biex inħobb ukoll lill-proxxmu tiegħi.

Il-Ħmistax-il Stazzjon